MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Numru 406/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Azzopardi**
**Martin Azzopardi**
**Johnny Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Azzopardi, Martin Azzopardi, u Johnny Azzopardi talli fl-4 ta' Awissu 2002 ghall-habta tat-3.00 p.m. fi Pjazza Indipendenza, Victoria, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew hsara li ggib dizordni f'mohhha, u cioe` ikkagunaw ferita [recte: offiza] ta' natura gravi fuq l-persuna ta' Joseph Portelli minn Nadur Ghawdex, skond kif iccertifika t-Tabib Mario Tabone MD ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta’ Novembru, 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Martin Azzopardi u Johnny Azzopardi hatja skond l-akkuza kif dedotta kontra taghhom u kkundannathom multa ta’ tlett mitt lira (Lm300) kull wiehed, u sabet ukoll lill-Mario Azzopardi hati skond istess akkuza u kkundannatu tlettax (13)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn; dik il-qorti inoltre pprovdiet hekk: *“Inoltre ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed torbot lill-imputati kollha taht penali ta’ mitt lira fin-nuqqas, li ma jimmolestawx u ma jingurjawx lil Joseph Portelli ghall-periodu ta’ sena mill-lum”*;

Rat ir-rikorsi ta’ appell – tlett rikorsi separati – ta’ Mario, Johnny u Martin Azzopardi, minnhom prezentati fis-7 ta’ Dicembru 2006, li permezz taghhom talbu r-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2007; ikkunsidrat:

L-aggarvji tal-appellanti huma, bazikament is-segwenti:

(i) L-appellant Mario Azzopardi jikkontendi fl-ewwel lok (***a***) li l-provi ma setghux iwasslu ghas-sejbien ta’ htija fil-konfront tieghu. Huwa jissenjala dak li fil-fehma tieghu huma diversi diskrepanzi fil-versjoni moghtija mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni. Skond dana l-appellant kien Portelli li beda l-incident kollu billi pprova jaggredih bi flixkun tal-birra. Jishaq li l-versjoni moghtija minn Portelli m’ghandhiex mis-sewwwa u mhix verosimili. Wara li jislet diversi brani mid-deposizzjonijiet ta’ diversi xhieda, l-appellant Mario Azzopardi jikkonkludi li *“…fl-ahjar ipotesi ghad-difiza…l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li dan kien kaz mibdi mill-esponenti u kwindi l-kaz ghandu jigi analizzat minn dak il-punto di partenza…[fl-]ghar ipotesi ghad-difiza hemm indubbjament konflitt ta’ provi li ma jwassalx lill-gudikant ghac-certezza morali.”* Fit-tieni lok (***b***) huwa jissottometti interament bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju tieghu li ma giex pruvat li l-offiza li garrab Portelli kienet ta’ natura gravi. Fl-ahharnett ighid (***c***) li l-piena

kienet eccessiva, peress li d-distinzjoni li ghamlet l-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena – cioe` li liz-zewg ko-imputati l-ohra mmultathom Lm300 mentri huwa gie kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' 13-il xahar sospizi ghal sentejn – kienet ibbazata fuq apprezzament zbaljat li l-ewwel qorti ghamlet tal-fedina penali tieghu, fedina penali li turi diversi infrazzjonijiet, iva, izda ta' natura kontravvenzjonali fil-parti l-kbira relatati max-xoghol tieghu ta' "hawker".

(ii) Martin Azzopardi – li l-abbili difensur tieghu sahaq hafna, fit-trattazzjoni orali, li huwa *Bank Manager* – jillanja fl-ewwel lok (***a***) li l-provi ma kienux iwasslu ghall-konvinciment morali li hu kien b'xi mod involut fil-glieda. Jippreciza li mir-rapport li Portelli ghamel l-ghassa wara l-akkuadut, kif dan jirrizulta mill-okkorrenza, l-imsemmi Portelli qatt ma semma' lilu (cioe` lil Martin Azzopardi) bhala li kien aggredih. Jghid ukoll li Joseph Sacco indikah, fid-deposizzjoni tieghu, bi zball. Bhal huh Mario Azzopardi, Martin Azzopardi jghid (***b***) li l-provi ma kienux juru li l-offiza li garrab Portelli kienet wahda ta' natura gravi, u fit-tielet lok (***c***) jilmenta dwar il-piena li huwa jghid li kienet eccessiva tenut kont tal-fedina penali nadifa tiegh.

(iii) Johnny Azzopardi, imbaghad, bhal hutu jilmenta (***a***) li l-provi ma kienux tali li b'xi mod setghu iwasslu ghall-konvinciment morali tal-gudkant li huwa kien b'xi mod involut fil-glieda. Ighid li kien Portelli biss li fid-deposizzjoni tieghu jipprova jpoggieh (lil Johnny Azzopardi) *"…fil-post fejn saret il-glieda fl-istess hin li bdiet."* Dana l-appellant jghid li hu *"ha parti [biss] sabiex jigbed lil huh minn dan l-inkwiet."* Bhaz-zewg hutu l-ohra jilmenta li (***b***) il-provi ma kienux iwasslu ghall-konkluzzjoni li Portelli sofra offiza ta' natura gravi u (***c***) li l-piena kienet eccessiva.

Din il-Qorti tibda biex tosserva li, kif gustament irrilevat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, dik il-qorti kellha l-vantagg fuq din il-Qorti ta' l-Appell li effettivament ghexet il-process billi semghet lid-diversi xhieda jiddeponu *viva voce*. Ghalhekk l-ewwel qorti setghet tapprezza l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, cirkostanza li, ghakemm mhux l-unika wahda li trid tittiehet in konsiderazzjoni, hija mportanti mhux ftit ghall-

valutazzjoni tal-kredibbilita` ta' xhud. Dan qed jinghad ghax, kif inhu risaput, din il-Qorti ta' l-Appell, sia fil-kompetenza taghha inferjuri kif ukoll fil-kompetenza taghha superjuri, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel qorti; dak l-apprezzament bhala regola tiddisturbah biss jekk hija tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Biex twettaq il-kompitu taghha ta' Qorti ta' Appell din il-Qorti terga' tezamina fid-dettal – pero` dejjem minghajr il-vantagg tax-xhud jixhed *viva voce* – il-provi kollha biex tara jekk l-ewwel qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Cirkostanza ohra li wiehed irid izomm f'mohhu f'kaz bhal dak in dizamina hija li meta jinqala' incident ghal gharrieda – bhalma hija glieda – hija haga li tirrikorri ta' spiss li diversi xhieda ma jkunux apparentement qed jaqblu. Jinghad "apparentement" ghax fil-fatt dak li spiss jigri hu li kull xhud jara biss silta – *snapshot* – mill-glieda, jaraha minn posizzjoni differenti minn xhud iehor, u jirregistraha permezz ta' diversi filtri li l-mohh jipprovdi ghal dak li jirrigwarda dettalji – min jolqtu dettal u allura jirregistra dak u min jolqtu dettal iehor u allura jirregistra dak id-dettal l-iehor. U anke fejn ikun hemm zewg versjonijiet dijamentrikament opposti tal-akkadut, wiehed irid jara jekk ikunx hemm xi cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant li jiskarta versjoni u jaccetta l-ohra bhala l-versjoni korretta ta' dak li effettivament gara (jew, fil-kamp civili, ta' dak li x'aktarx gara).

Fil-kaz in dizamina ma hemm xejn x'jindika (kif donnu qed jigi suggerit mit-tliet appellanti) li l-ewwel qorti applikat xi regola zbaljata jew mhux kompleta ghal dak li huwa l-piz tal-prova li l-prosekuzzjoni kellha tilhaq biex ikun hemm sejbien ta' htija. Issa, kif inghad, din il-Qorti regghet ezaminat munuzjozament il-provi kollha, u ma tarax li ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda l-partecipazzjoni tat-tliet appellanti fil-glieda fis-sens li t-tlieta li huma aggredew, f'xi stadju minnhom, lil Portelli. Huwa minnu li fl-okkorrenza tal-pulizija jinghad li Portelli qal li huwa, fil-mument li qala'

d-daqqa u dar, ra biss lil Mario Azzopardi u lil huh iz-zghir (Johnny), u li imbaghad spicca iggranfat ma’ Mario Azzopardi; pero` l-okkorrenza hija, min-natura stess taghha, rapport in succint hafna ta’ dak li persuni jkunu rrapportaw, b’dak li l-kwerelant ighid neccessarjament medjat minn dak li l-ufficjal tal-pulizija li jkun ha r-rapport jifhem li jkun qed jghidlu l-kwerelant. Fl-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel Qorti setghet tistrieh, apparti fuq id-deposizzjoni ta’ Portelli, fuq id-deposizzjonijiet ta’ Joseph Grech (fol. 43), Victor Camilleri (fol. 45), Joseph Attard (fol. 72) u Joseph Sacco (fol. 100) biex, wara li tiksarta versjonijiet ohra bhala mhux attendibbli (haga li l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment taghmel) tasal ghall-konkluzzjoni li t-tliet appellanti ppartecpipaw, f’mument jew iehor, fl-incident ma’ Portelli b’mod li t-tlieta li huma sawwtuh. A propositu tad-deposizzjoni ta’ Sacco, din il-Qorti ma tistax tara kif tista’ taccetta dak li jghid l-appellant Martin Azzopardi fir-rikors ta’ appell tieghu, u cioe` li meta dana Sacco identifikah bhala li kien qed jiggieled ma’ Portelli, dan kien hemm xi zball u l-persuna li kien effettivament qed jidentifika fl-udjenza tal- 24 ta’ Frar 2005 kien effettivement Mario Azzopardi. Bejn id-data ta’ din id-deposizzjoni u d-data tas-sentenza – 22 ta’ Novembru 2006 – ghaddew sena u ghaxar xhur, matul liema periodu l-appellant Martin Azzopardi kellu a disposizzjoni tieghu it-traskrizzjoni tax-xiehda ta’ Sacco u seta’, kieku ried, jirrikjama l-attenzjoni ta’ l-ewwel qorti ghal dan is-suppost zball jew malintiz u anke jerga jipproduci lil dana Sacco bhala xhud. Minn dan kollu huwa baqa’ ma ghamel xejn. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti kollha qed jigi respint.

Kwantu ghall-kwistjoni tal-offiza jew offizi li garrab Portelli, huwa veru li t-tabib Dr Peter Muscat, fl-affidavit tieghu tat-8 ta’ Ottubru 2003 ighid li meta ezamina lil Portelli fl-4 ta’ Awissu 2002 dan sab li kellu tbengila fuq siequ x-xellugija. Dan it-tabib, pero`, evidentement jew ma’ rax in-notamenti tieghu qabel ma ghamel l-affidavit jew l-ezami li ghamel ta’ Portelli fil-jum tal-incident tant kien superficjali li anqas ma ntebah b’dak li nies mhux tobba addirittura setghu jirriskontraw, u cioe` l-offizi li kellu f’rasu Portelli. Dan qed jinghad ghax, apparti certifikati medici ohra, kemm Joseph

Grech kif ukoll Victor Camilleri setghu jinnotaw li dan kien qala daqqiet f'rasu. Inoltre, Dr Norbert R. Vella, li kien gie nominat mill-ewwel qorti sabiex jezamina lil Portelli u li, kif xehed huwa stess, kien ha in konsiderazzjoni anke l-kartella klinika tal-isptar fejn kien gie ezaminat (ara fol. 76), ighid li meta Portelli gie ezaminat fl-Emergenza fl-Isptar Generali ta' Ghawdex fl-4 ta' Awissu 2002 *"…he was found to have a tender swelling over the left tempero-parietal-occipital area."* Altru, mela, milli semplici tbengila fuq is-sieq ix-xellugija. Inoltre, mir-rapport mediku ta' dan it-tabib jirrizulta bic-car li Portelli, minhabba s-swat li qala', baqa' jsofri minn marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed. Dak li Dott. Vella jghid fl-ahhar paragrafu tar-rapport tieghu, u cioe` riferribbilment ghal *"somatoform pain disorder"* -- cioe` forma ta' ugiegh persistenti u kroniku f'partijiet tal-gisem li fih jista' jkun hemm involuti fatturi psikologici -- dan it-tabib jipprospettah bhala semplici possibilita` u mhux bhala xi haga probabbli, u ghalhekk ma xxejjinx il-konkluzzjoni principali tieghu fil-paragrafu penultimu tar-rapport. Ghalhekk anke dana l-aggravju qed jigi respint.

Finalment, kwantu ghall-piena, din il-Qorti ma tara xejn sproporzjonat jew eccessiv fil-piena erogata mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' kull wiehed mill-appellanti. Huwa evidenti li l-percimes kien Mario Azzopardi u allura dan, anke jekk wiehed jinjora l-fedina penali tieghu, gustament inghata piena aktar severa minn hutu. Il-piena komminata lil Martin Azzopardi u lil Johnny Azzopardi b'ebda mod ma jista' jinghad li hija eccessiva.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appelli interposti u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li mill-atti ma jirrizultax li l-appellanti wettqu l-obbligazzjoni bil-miktub kif jirrikjedi l-Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali, tordna li din issir bil-miktub fl-atti ta' dana l-appell bil-forma kif annessa ma' din is-sentenza.

(ft) Vincent Degaetano
Prim Imhallef
(ft) Francis Attard

Deputat

Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

-

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI
**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

Illum, 23 ta' Marzu 2007.

**Appell Nru 406/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Azzopardi,**
**Martin Azzopardi u**
**Johnny Azzopardi**

**Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta' Novembru, 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Azzopardi, Martin Azzopardi u Johnny Azzopardi** kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 23 ta' Marzu 2007, jien hawn taht iffirmat, **Mario Azzopardi**, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nimmolestax u ma ningurjax lil Joseph Portelli, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal sena mil-lum.

________________________
(Mario Azzopardi)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 23 ta' Marzu 2007.

_________________________
Deputat Registratur

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI
**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

Illum, 23 ta' Marzu 2007.

**Appell Nru 406/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Azzopardi,**
**Martin Azzopardi u**
**Johnny Azzopardi**

**Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta' Novembru, 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Azzopardi, Martin Azzopardi u Johnny Azzopardi** kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 23 ta' Marzu 2007, jien hawn taht iffirmat, **Martin Azzopardi**, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nimmolestax u ma ningurjax lil Joseph Portelli, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal sena mil-lum.

______________________
(Martin Azzopardi)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 23 ta' Marzu 2007.

______________________
Deputat Registratur

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI
**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

Illum, 23 ta' Marzu 2007.

**Appell Nru 406/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Azzopardi,**
**Martin Azzopardi u**
**Johnny Azzopardi**

**Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta' Novembru, 2006 fl-ismijiet

**Il-Pulizija v. Mario Azzopardi, Martin Azzopardi u Johnny Azzopardi** kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 23 ta' Marzu 2007, jien hawn taht iffirmat, **Johnny Azzopardi**, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nimmolestax u ma ningurjax lil Joseph Portelli, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal sena mil-lum.

______________________
(Johnny Azzopardi)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 23 ta' Marzu 2007.

______________________
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------